# MALTA MISSJUNARJA – Id-9 PARTI



Dun Anton jippoża għal ritratt tal-okkażjoni flimkien ma' niesu ... u l-qattus (c. 1947)

## Inkomplu naqraw mill-imgħoddi

[1947-51]: Fid-*Djarju tan-Naxxar*, Ġunju 1954, nru 33, p.25 DAX kien kiteb hekk fuqu nnifsu: 'Il-kittieb tan-Naxxar beda b'salt novelli sa minn meta kien għadu student is-seminarju, u li issa qed jistennew id-dawra tagħhom biex jinġabru fi ktieb.' Dawn in-novelli bdew jidhru taħt il-psewdonimu 'Sciant'; fl-1947 biss, dehru mhux anqas minn tmienja minnhom: *Mort Siegħa l-Ġenna*, miġjuba mid-djarju tiegħu tal-Ġimgħa, 7 ta' Ġunju 1946 (Sena XV, Jannar 1947, nru 1, p.13); *Il-Kungress Missjunarju tal-Istudenti: Moħħ u Qalb Missjunarji* (Sena XV, Frar 1947, nru 2, p. 25); *O Dgħajsa ta' Pietru!* (p.52) u *Tifkira ta' Jum Sabiħ* (p.63), datata 30.1.46 (Sena XV April 1947, nru 4); *Jimmy l-Iskultur tal-Madonna* (Sena XV, Mejju 1947, nru 5, p.76). Bejn Ġunju u Awwissu ma dehrux novelli tiegħu fil-MM. F'Settembru mbagħad, dehret in-novella *Demm Aħmar!* (Sena XV, nru 9, p.160); *In-Nobbli fl-Artijiet tal-Missjoni*, taħt il-psewdonimu d.t.x. (Dun Toninu Xiberras) (Sena XV, Novembru 1947, nru 11, p.202); *F'Dar tal-Iltiema Ċiniżi – Ġrajja ta' Ħsara Kbira* (Sena XV, Diċembru 1947, nru 12, pp.217-8). Mill-banda l-oħra, fl-1948 dehret novella waħda biss tiegħu: *Il-Għożża ta' Fransi*, ispirata minn poeżija tiegħu stess (Toninu Xiberras), *L-Għajta ta' Qalbi*, fejn taħt it-titlu silet il-vrus: *Agħtuni t-tfal, ta' qlub safjin / Għax huma seħ'em magħżul fost il-bnedmin.*

F'dawk li huma poeżiji ta' DAX, fil-paġna "Din Għalikom, Tfal", ġieli dehru xi wħud taħt il-psewdonimu 'Ix-Xiħ Missjunarju': *Sajjied ta' Xewqtu* (b'dejn lil P.A. Cuschieri O.C.), bi 13-il strofa kwinarja u rima abċb, (Sena XVI, Ġunju 1948, nru 6, p.93); *Nagħtik Qalbi* bi tliet strofi ottonarja u rima abċb (Sena XVI, Jan. 1948, nru 1, p. 11); *Is-Sejħa Tiegħi*, b' sitt strofi settenarji u rima abċb (Sena XVI, Frar 1948, nru 2, p.31); *Il-Leġġenda tat-Tarbija tal-Madonna* (Sena XVIII, Mejju 1950, nru 5, p.77), bi 11-il strofa ottonarji u rima abċb (Sena XVIII, Mejju 1950, nru 5, p.77); Ir-Ritratt tal-Missjunarju (Sena XVIII, Novembru 1950, nru 11, p.173) u Serqulna 'l Ġesù (Sena XVIII, Diċembru 1950, nru 12, p.189), żewġ poeżiji bl-istess rima, il-waħda b'ħames strofi senarji u l-oħra b'għaxra, bit-tnejn jidhru fil-paġna "Din Għalikom, Tfal!" Ma' dawn inżidu poeżija oħra tiegħu, *Lil Marija Bambina: f'Jum it-Twelid Tagħha* (Sena XVIII, Settembru 1950, nru 9, p.136), b'10 strofi ottonarji u rima abċb.

Minn Frar tal-1949 'il quddiem beda joħroġ f'kapitli t-tieni rumanz




Il-faċċata tar-rumanz missjunarju 'Il-Wieħed u Ħamsin' ta' Dun Anton Xiberras.

missjunarju tiegħu: *Il-Wieħed u Ħamsin. Fid-Djarju tan-Naxxar,* Settembru 1951, nru 22, p.93 insibu t-tagħrif li ġej: *'Kotba tan-Naxxar* – 4: *Il-Wieħed u Ħamsin:* rumanz missjunarju tan-Naxxari DAX: L-ewwel ħarġa fi 11,000 kopja f'Malta Missjunarja. Stampat ktieb bl-istampi ta' 76 faċċata f'Settembru 1951 b'2000 kopja: Rumanz li xtered ma' Malta u Għawdex: *Il-Wieħed u Ħamsin* huwa t-tieni rumanz missjunarju li kiteb DAX, kittieb Naxxari. L-ewwel wieħed kien *Demm tal-Martri* stampat f'Malta Missjunarja fl-1941-2. It-tieni rumanz li qegħdin insemmu *Il-Wieħed u Ħamsin* ġie l-ewwel stampat f'Malta Missjunarja fl-1949-51. Fix-xahar ta' Settembru, għażiż għall-festa tal-Vitorja, ġie stampat fi ktieb għalih bl-istampi ta' 76 paġna. Jinbiegħ xelin il-wieħed. / L-awtur ta kopja lid-direzzjoni 'Leħen is-Sewwa', lid-direzzjoni tar-rivista letterarja 'Il-Malti'[1] u lil-'Leħen il-Malti', u lill-kittieb Malti Profs. Sac. Antonio Tabone. / Ġie stampat bi spejjeż tal-Opri Missjunarji Pontifiċji f'Malta, u ntefqu £28 karta u £22 stamperija. Huwa stampat pulit ħafna mill-Empire Press tal-Belt. Saru avviżi għalih f'Malta Missjunarja u f'Leħen is-Sewwa. Ħafna bagħtu jitolbuh bil-posta. / Wara dan l-awtur forsi qagħad jikteb *Qaddej tal-Koran*, it-tielet rumanz missjunarju. Ikun ta' ġieħ kbir għan-Naxxar 16.10.51.' Dwar dan ir-rumanz missjunarju, DAX kien kiteb hekk fid-Djarju tan-Naxxar, Għadd 34, Settembru 1954, p.58: 'Rumanz Naxxari fuq ir-Rediffusion: Fl-ewwel ġranet ta' Lulju nqara minn fuq ir-rediffusion bħala bed-time play story ir-rumanz ta' DAX 'Il-Wieħed u Ħamsin' u għalih kiseb is-somma ta' £6-5s.'

Bejn l-1947-51 dehru ħafna aktar xogħlijiet letterarji: *Il-Qniepen tal-Għid* (Sena XV, Apr. 1947, nru 4, p.57) b'ħames strofi novenarji u rima abċb u *Fil-Lejla tal-Milied* (Sena XVI, Jan. 1948, nru 1, p.3), żewġ

**Il-Wieħed u Ħamsin - Rumanz Missjunarju (1)**

| | Sena[2] | Xahar | Għadd | Paġna | Kap | Isem |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1949 | 17 | Frar | 2 | 31-2 | I | *Hoken* |
| | | Marzu | 3 | 47 | II | *Is-Serqa* |
| | | April | 4 | 63 | III | *Konfoffa ta' Lsir* |
| | | Mejju | 5 | 79 | | |
| | | Ġunju | 6 | 95-6 | IV | *L-Ewwel Taqbid* |
| | | Lulju | 7 | 111 | V | *Ilsir u Ġeneral* |
| | | Awwissu | 8 | 127 | VI | *Mill-Ġdid Gunda l-Ilsira* |
| | | Settembru | 9 | 143 | VII | *Kenn u Faraġ* |
| | | Ottubru | 10 | 159 | | |
| | | Novembru | 11 | 175 | VIII | *In-Nasba ta' Gunda* |
| | | Diċembru | 12 | 191-2 | | |

[1] Din ir-rivista letterarja tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kienet faħħritu mhux ftit. (Enċiklopedija tan-Naxxar, Vol. 3, p.15)
[2] Il-perjodiku mensili "Malta Missjunarja" beda joħroġ f'Settembru 1932.

**Il-Wieħed u Ħamsin - Rumanz Missjunarju (2)**

| | Sena | Xahar | Għadd | Paġna | Kap | Isem |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1950 | 18 | Jannar | 1 | 14 | IX | *Sacerdos in Æternum* |
| | | Frar | 2 | 31 | | |
| | | Marzu | 3 | 47 | X | *Fid-Dlam ta' Ħabs Waħxi* |
| | | April | 4 | 63 | | |
| | | Mejju | 5 | 79 | XI | *It-Triq għall-Palazz tal-Mandarin* |
| | | Ġunju | 6 | 85 | | |
| | | Lulju | 7 | 111 | XII | *Wiċċ Imb Wiċċ għall-Ewwel Darba* |
| | | Awwissu | 8 | 127 | XIII | *Alla u Konfuċju* |
| | | Settembru | 9 | 143 | | |
| | | Ottubru | 10 | 159 | XIV | *Il-Bieb tal-Ħabs Jinfetaħ* |
| | | Novembru | 11 | 175 | | |
| | | Diċembru | 12 | 191 | XV | *Is-Sigriet Jinkixef* |
| 1951 | 19 | Frar | 2 | 30 | XVI | [L-aħħar kapitlu u l-ewwel] |

Għeluq: Tmiem ir-Rumanz Missjunarju

poeżiji ta' Kan. Dun V. Ciappara (1917-91); Il-Kelma (Sena XV, Mej. 1947, nru 5, p.80) poeżija ta' R.M.B. (1884-1967) b'sitt strofi dekasillabi u rima abċb; żewġ salmi missjunarji: *Laudate Servi* (Salm 112) u Laudate Dominum (Salm 116), bi tmien strofi kwinarji u senarji rispettivament, it-tnejn bir-rima mbewsa (Sena XV, Aww. 1947, nru 3, p.137), *Il-Qaddisin Missjunarji* bi 13-il strofa kwinarji u rima aabb (Sena XV, Nov 1947, nru 11, p.197), u *L-Għanja tal-Maġi* (Sena XVI, Jan. 1948, nru 1, p.15), poeżija bi 11-il strofa settenarja u rima abċb, *Assumpta Est* (Sena XVI, Aww. 1948, nru 8, p.119), b'10 strofi kwinarji u rima mbewsa, *It-Twelid ta' Sidtna Marija* (Sena XVI, Sett. 1948, nru 9, p.130), b'disa' strofi kwinarji u rima mbewsa, *Tislima lil Patri B. Cauchi S.J. Missjunarju fl-Indja Għeluq il-50 Sena Reliġjuż* (Sena XVII, Frar 1949, nru 2, p.21), b'disa' strofi senarji u rima aabb u datata 7 ta' Diċembru 1948, *Morru! Għallmu! Għammdu!* (Sena XVII, Marzu 1949, nru 3, p.38), b'seba' strofi senarji b'sitt ivrus il-waħda u rima aabbċċ, *Twieldet Marija* (Sena XVII, Settembru 1949, nru 9, p.137) b'seba' strofi settenarji u rima abab, *Kristu Jsaltan* (Sena XVII, Ottubru 1949, nru 10, p.154), b'ħames strofi settenarji b'sitt ivrus il-waħda u rima ababċċ, *F'Qalb il-Bambin Ġesù* (Sena XVII, Diċembru 1949, nru 12, p.184), b'ħames strofi settenarji b'sitt ivrus il-waħda u rima ababċċ, Il-Martirju tal-Appostlu (Sena XIX, Ġunju 1951, nru 6, p.82) b'disa' strofi ottonarji u rima aabb, *Rebħa tal-Fidi* fl-1565 (Sena XIX, Settembru 1951, nru 9, p.131), b'seba' strofi b'sitt ivrus il-waħda u rima ababċċ, u *Il-Milied tal-Missjoni* (Sena XIX, Diċembru 1951, nru 12, p.180), b'dedika lil




Għanja tal-Milied mill-pinna ta' Dun Anġ Copperstone, b'mużika ta' Patri Ġorġ Zammit ofm conv.

Mons. A. Cilia, b'ħames strofi b'sitt ivrus il-waħda u rima ababċċ, kollha ta' Koll. A. Copperstone H.C.F. (1888-1960). Dan il-poeta Senglean ordna saċerdot fl-1912 u serva bħala kappillan fuq il-vapuri matul l-Ewwel Gwerra Dinjija; *Isma' Marija!* (Sena XV, Ott. 1947, nru 10, p.179), *Twieled!* (Sena XVI, Jan. 1948, nru 1, p.6), *Mitluf... Quddiem Ġesù!* (Sena XVI, Mej. 1948, nru 5, p.70) b'ħames strofi endekasillabi u rima abċb, tliet poeżiji tal-Qormi Carmelo Mallia (1929-) – promotur tal-Esperanto f'Malta, u n-novella *"Mill-Ħolm għall-Ħajja"* (Sena XVI, Frar 1948, nru 2, pp.19-20) li biha ħa l-ewwel premju fil-konkors imniedi mill-Kruċjata Missjunarja San Pawl tas-Seminarju ta' Malta. ■




'Dinja Mutur' huwa proġett eċċitanti li Missio beda fuqu b'kollaborazzjoni ma' Stephen Formosa, li ser ikun qed isuq il-mutur tiegħu madwar l-Afrika, l-Asja u l-Amerika t'Isfel f'avventura ta' vjaġġ waħdu. Matul il-vjaġġ, Stephen ser ikun qed jgħaddi minn irħula bi proġetti appoġġati u ffinanzjati minn Missio sabiex jiddokumenta l-esperjenza tiegħu. Minn għajnejn Stephen, wieħed ser ikun jista' jara stampa ċara u reali ta' kif Missio jgħin komunitajiet li jgħixu f'irħula remoti u kif Missio jinvesti fit-tul fl-edukazzjoni ta' dawn l-individwi.

Il-kontribuzzjoni ġeneruża tiegħek tgħinna nsostnu lil Stephen matul il-vjaġġ tiegħu waħdu madwar il-kontinenti u jgħin lil Missio jittrasmetti l-esperjenza tiegħu sabiex inkunu nistgħu ngħixu dan il-vjaġġ eċċitanti u l-proġetti li jibdlu l-ħajja, imwettqa grazzi għall-ġenerożità ta' ħafna.

***Nirringrazzjawk tal-appoġġ tiegħek.***

**https://missio.org.mt/donate/projects/education-training/dinja-mutur/**